**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U TLETIN**

**28 ta' ĠUNJU, 2017**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppreseda l-laqgħa.

**37.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

37.1.1 Il-minuti tas-seduta 36 gew approvati.

37.1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ġabret stima waħda biss mingħand Callus Landscaping fuq tliet siġriet għall-wesgħa fi Triq Fra Gan Marie Zammit, li jiswew 95Euro –il waħda.
Il-membru Joseph D'Amato qal li ser jieħu l-każ f'idejh biex jiċċekja jekk tali siġar humiex sbieħ għal post fejn iridu jitħawlu.

***37.2*** ***Suġġerimenti u lmenti***

37.2.1 Il-membru Joseph D'Amato qal li:

- Fi Triq il-Luq hemm bżonn li tiġi rranġata tabella tal-One Way għax tinsab imdawra
- Isir refresh tal-marki tat-toroq fi Triq Dun Nard Mallia k/m Triq San Martin.
- Issir yellow box quddiem mecchanic fi Triq Santa Marija
- Isir double yellow line fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San

Martin biex it-trasport pubbliku jkun jista jgħaddi faċilment.

Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol meħtieġ.

37.2.2 Ic-Chairperson Pierre Farrugia talab li jsiru marki tal-bust stop fi Triq Santa Marija. Kien hemm qbil li biex ikun hemm iżjed parkeġġ, ma jsirux tali marki.

37.2.3 Il-membru Kevin Sam Farrugia talab li ssir pjanċa mal-barrier li saret fi Triq ir-Rettur minħabba l-periklu tal-muturi.

***37.3 Twessiegħ ta' bankina fi Vjal l-Indipendenza u Triq in-Nigret***

37.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email li l-Kunsill Lokali u Kumitat Amministrattiv irċevew mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' biex titwessa Vjal l-Indipendenza u Triq in-Nigret biex tkun aċċessibli għal persuni li jużaw il-wheelchair. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet stima tax-xoghol lill-perit tal-Kunsill, u din giet ta' ammont eccessiv.
Il-membru Joseph D'Amato qal li kulħadd għandu dritt juża l-bankina. Jista l-Kumitat Amministrattiv u l-Kunsill jagħmel naħa waħda tal-inqas.
Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-perit ħalli l-Kumitat/Kunsill ikun jaf ezatt l-istima li ingħatat f'hiex tikkonsisti.

***37.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

37.4.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:10 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar il-Erbgħa 26 ta' Lulju, 2017 fil-17:30.

Konfermati, illum 26 ta' Lulju, 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |